MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1429/2004

**Raymond Mifsud**

**Vs**

**Carmen Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) rapprezentanti import ta' kambjala tas-27 t'Ottubru, 1999 li skadiet fis-27 t'Ottubru, 2000.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet:

a. Illi l-kambjala hija wahda nulla u bla effett legali.

b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-konvenuta hallset lill-attur kif ser jirrizulta fil-kawza.

c. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba hija wahda esagerata.

d. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li f'din il-kawza l-attur personalment qatt ma pprezenta ruhu.

Ra n-Nota pprezentata fis-7 ta' Marzu, 2005 li biha l-konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni.

Ra li l-kawza kienet differita ghas-seduta tal-lum ghall-provi kollha li fadal u finali trattazzjoni.

Sema' x-xhieda ta' Carmen Farrugia

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet huma mizzewgin izda pprocedew ghas-separazzjoni personali, izda dakinhar tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, l-attur esiga minghand il-konvenuta martu ekwiparazzjoni addizjonali ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u in kawtela tal-hlas, il-konvenuta ssostni li hu esiga li tigi ffirmata kambjala qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni u rrifjuta li jipprocedi ghall-kuntratt ta' separazzjoni jekk din il-kambjala ma tigix iffirmata. Rinfaccata b'dawn ic-cirkostanzi l-konvenuta ffirmat. Il-konvenuta fix-xhieda taghha tghid illi hija ffirmat il-kambjala qabel il-kuntratt ta' separazzjoni, izda l-kambjala ggib id-data tas-27 t'Ottubru, 1999 mentri l-kuntratt ta' separazzjoni jgib id-data tas-26 t'Ottubru, 1999.

Mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi l-konvenuta hallset erba’ (4) pagamenti ta’ mitt lira Maltin (Lm100)-il wahda, total ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400).

Illi stante li l-ewwel eccezzjoni giet irtirata u mhux il-kaz li dan it-Tribunal jidhol fl-aspett dwar il-validita’ o meno tal-kambjala u f’kull kaz, konsiderazzjonijiet dwar l-istess eccezzjoni tezorbita l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

Illi dwar il-mertu, t-Tribunal jidhirlu illi *on the face of it* jirrizulta illi l-attur kellu jiehu s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) izda li fil-fatt il-konvenuta hallset biss erba’ mitt lira Maltin (Lm400) u ghalhekk baqa’ bilanc ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600). Fic-cirkostanzi ghalhekk jirrizulta illi t-talba attrici ghandha tigi akkolta pero’ f’ammont ridott u ghal din ir-raguni wkoll ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) bl-interessi li jibdew jiddekorru mil-lum. L-ispejjez tal-kawza jkunu kwantu ghal zewg kwinti (2/5) ghall-attur u tlett kwinti (3/5) ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------